13 ta' Diċembru, 1954

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Spiru Quintano et.

**Att ta' l-Akkuża — Nullità — Falz Dokumentali — Dokument — Skrittura — Korrezzjoni — Biljett tax-Char-a-Banc — Art. 591 u 191 tal-Kap. 12**

*Il-kelma "dokument" għandha sinifikat ampju, fis-sens ta' kwalunkwe ħaġa li tista biex tipprova l-verità; u konsegwentement ma tillimitax ruħha għas-sens biss ta' "skrittura".*

*Jekk l-akkuża tkun ta' falsifikazzjoni, wieħed ma jistax jgħid "falz dokumentali" mingħajr ma jissupponi "skrittura"; u għalhekk f'materja ta' falsifikazzjoni l-kelma "dokument" tirrestrinġi ruħha għas-sinifikat ta' skrittura.*

*Għalhekk l-użu tal-kelma "dokument" fil-kontest ta' akkuża ta' falsifikazzjoni ma tistax tippreġudika lill-akkużat; u l-Qorti tista' tordna li l-kelma "dokument" tiġi sostitwita bil-kelma "skrittura", avvolja l-akkużat ikun ta l-eċċezzjoni ta' nullita' tal-att tal-akkuża. U dik il-korrezzjoni tista' tiġi ordnata mill-Qorti Kriminali kif komposta mill-Imħallef ordinarju sedenti għall-ġudizzju plenarju.*

*Għaldaqstant, l-eċċezzjoni li l-att tal-akkuża huwa null fuq il-motiv li l-akkuża hi ta' falsifikazzjoni, u fih ġiet użata l-kelma "dokument" minflok il-kelma "skrittura", u li għalhekk ir-reat mhux miġjub jew imfisser fih kif inhu miġjub jew imfisser fil-liġi, ma hix aċċettabbli.*

*Biljett ta' Char-a-banc huwa skrittura, u mhux ta' ostakolu għall-kwalifika ta' dak il-biljett bħala skrittura l-fatt li l-biljett hu stampat; u huwa skrittura kummerċjali, għax konness ma' impriża tat-trasport.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' l-akkuża numru 9048;

Rat in-nota ta' l-akkużat Quintano, li biha eċċepixxa n-nullità tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża billi (a) ma hemmx akkuża ta' reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi ndikata fl-

istess att ta' l-akkuża. u (b) il-fattijiet deskritti fit-tieni kap ma jikkostitwux ir-reat dedott fl-istess kap;

Rat in-noti rispettivi ta' l-akkużati Ġorġ Camilleri u Gaetano Mizzi, li bihom iddikjaraw li jassoċjaw ruħhom ma' l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-akkużat Spiru Quintano in kwantu għall-kapijiet ta' l-att ta' l-akkuża li jirrigwardawhom, kif spjegaw fit-trattazzjoni;

Rat in-nota ta' l-Attorney General, li biha kkontesta l-eċċezzjoni fuq imsemmija (a) billi l-fattijiet imsemmija fl-att ta' l-akkuża jikkostitwixxu r-reat dedott, u (b) billi r-reat dedott huwa mfisser sostanzjalment fil-kliem tal-liġi ċitata fl-akkuża;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, mogħti fis-16 ta' Novembru, 1954, li bih irrimettiet l-eżami u deċiżjoni ta' l-eċċezzjonijiet sollevati lil dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin:

Trattata l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni tad-difiża hi duplići: li l-att ta' l-akkuża hu null, għax ir-reat ma hux miġjub jew imfisser fih kif inhu miġjub u mfisser fil-liġi; u li hu null ukoll għax il-fattijiet ma jikkostitwixxux ir-reat dedott;

L-eċċezzjoni, sollevata mit-tliet akkużati, Quintano, Camilleri u Mizzi, tirrigwarda rispettivament it-tieni, it-tielet. u l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża;

Dwar l-ewwel deduzzjoni;

Din hija magħmula tikkonsisti filli l-Attorney General uża l-kelma "dokument" flok il-kelma "skrittura" li hemm fit-test Malti tal-liġi;

Verament, fit-test Ingliż hemm il-kliem "commercial document", u l-kelma "document" hija preċiżament dik użata fid-dispożizzjonijiet tal-Forgery Act Ingliż ta' l-1913 (ara. per. eż., ss. 1(1)(2) u (3)-2-3-4 etc.). Però, ankorkè wieħed

kellu jieħu l-kelma tat-test Malti "skrittura", ma hemmx innullità akkampata mid-difiża; għal dawn ir-raġunijiet:

1. Għalkemm il-kelma "dokument" hi ta' sinifikat ampju, fis-sens ta' kwalunkwe ħaġa li tiswa biex tipprova l-verità, "docens de aliqua re", u konsegwentement ma tillimitax ruħha għas-sens biss ta' skrittura (li hi karta), imma "dokument" jista' jkun anki oġġett "materjali", bħal sikkina, ġebla, eċċ. (għad illi l-falz jissejjaħ mhux biss "falso scritturale", imma anki, anzi aktar komunement "falso documentale"), eppure, fil-każ in ispeċje, il-Prosekutur, immedjatament wara l-kliem "dokument kummerċjali", uża l-kliem "b'falsifikazzjoni fl-iskrittura", u kwindi ma setax kien hemm dubju li l-kelma "dokument" f'dan il-każ kienet qegħedha tiġi ristretta għal falz skritturali, ċjoè falz li jirrigwarda karta; apparti li dan kien jirriżulta wkoll mill-parti reċitativa ta' l-att ta' l-akkuża;

2. L-akkuża hija ta' falsifikazzjoni. Issa, hu elementari li wieħed ma jistax jgħid "falz dokumentali" mingħajr ma jissupponi "skrittura"; għalhekk, f'tema ta' falsifikazzjoni, il-kelma "dokument" tirrestrinġi ruħha għas-sinifikat ta' skrittura, tant li, kif ġie rilevat, jissejjaħ "falso documentale", u anki "falso scritturale";

3. Il-kelma "dokument" f'akkuża ta' falsifikazzjoni ma hix tali li tista' tiżvija; għaliex, jekk wieħed jeżamina t-testi in materja, isib li l-kelma "documento" tirrikorri kontinwament f'din il-materja (ara, per eż. Maino, Vol. III, para. 1297 et seq.);

4. L-użu tal-kelma "dokument" fil-kontest ta' l-akkuża ta' falsifikazzjoni għalhekk ma setgħetx iġġib preġudizzju lit-tliet eċċepjenti; u, kif esprima ruħu l-President Sir Antonio Micallef, sedenti f'din il-Qorti ma' l-Imħallfin Dr. Conti u Dr. Naudi, in "Regina vs. Assenza", 23 ta' Marzu, 1860, (Vol. Decr. 1860, pag. 245), għall-finijiet tan-nullità wieħed ma għandux jagħti każ ta' "errori non essenziali e non pregiudizievoli dei diritti sostanziali dell'accusato, sia che si tratti di errori di grammatica, sia di altra specie, quando non siano tali da impedire una regolare interpretazione ......";

5. Fi kwalunkwe każ, il-kelma "dokument" tista' tigi sostitwita b'ordni tal-Qorti bil-kelma "skrittura". Dan jista' jsir skond l-art. 591 Kap. 12, qabel ma l-akkużat jirrispondi għad-domanda hux ħati jew le; u jista' jsir avvolja l-akkużati taw l-eċċezzjoni tan-nullità (ara t-tieni subartikolu ta' l-artikolu fuq imsemmi, 591). Bla preġudizzju ma sejrin isofru l-akkużati, għax l-akkuża, anki wara din il-korrezzjoni, tibqa' ta' l-istess reat "bla aggravament ta' xejn" (ara l-aħħar kliem ta' l-ewwel subartikolu ta' l-artikolu fuq imsemmi). Il-korrezzjoni, skond dak li gie pratikat f'każijiet oħra, tigi ordnata mill-Qorti komposta mill-Imħallef ordinarju, sedenti għall-gudizzju plenarju fil-meritu (ara l-każ fuq ċitat "Regina vs. Assenza", fejn, fid-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari mill-Qorti kollegjali, saret riżerva għall-korrezzjoni, Vol. Decr. fuq ċitat, pag. 256, imbagħad l-Imħallef sedenti għall-gudizzju fil-meritu (Sir Antonio Micallef) ta d-digriet tal-korrezzjoni wara li semma d-deċiżjoni tal-Qorti kollegjali, ara pag. 259). Salv id-dritt ta' l-akkużati li jitolbu, skond it-tielet subartikolu ta' l-art. 591, differiment tal-kawża, jekk iridu, bħala konsegwenza tal-korrezzjoni;

Dwar it-tieni deduzzjoni;

L-art. 191 tal-Kodiċi Kriminali Malti (li fuqu hi bażata l-akkuża) hu meħud mill-art. 291 tal-Kodiċi tad-Due Sicilie. Dan l-artikolu, infatti, kif wieħed jista' jara mill-"Commentario sulle Leggi Penali (Codice per lo Regno delle Due Sicilie)" tal-Canofari, Vol. III, pag. 5, juża kliem li jinsabu "verbatim" ripetuti fit-test antik Taljan tal-Kodiċi Malti, art. 185, li mbagħad, fl-Edizzjoni Riveduta, sar l-art. 191 tat-test Ingliż u Malti;

Id-difiża tgħid li biljett tax-char-a-banes ma hux skrittura, u molto meno skrittura kummerċjali;

L-eċċezzjoni tad-difiża ma hijiex sostenibili; għal dawn ir-ragunijiet:

1. Ma hux ta' ostakolu għall-kwalifika ta' skrittura, fil-każ ta' biljett, il-fatt li dan hu "stampat". Dan hu dottrinalment paċifiku. Jgħid l-Arabia (Princip Dto. Penale, pag. 349) illi "il falso punito dalla legge, come tale, è quello che ha sempre per oggetto, come bene osservò il Nicolini, la pa-

rola, o per scrittura o per altri segni, impressa sulle cose atte a riceverla'';

2. Hu rièevut fil-ġurisprudenza illi ''perchè una scrittura possa essere materia di falso, occorre che possa avere un effetto giuridico'' (Rep. Ugo Conti, art. 280, paġ. 589), jew li tkun kapaċi tipproduċi xi utili jew dannu (Nicolini, Gpza. Penale, p. 560, Cap. 896-887). Issa, appuntu f'dan il-każ, il-biljett huwa d-dokument li jillegittima d-dritt tal-vjaġġatur li jagħmel dak il-perkors u l-obligu tal-vettur li jipprovedieh b'dak it-trasport għal dak il-perkors, u l-biljett jipprova l-ħlas li joħloq id-dritt għal dak it-trasport u l-obligu tal-vettur. Hekk, fil-Bolaffio e Vivante (Cod. di Comm. Commentato, paġ. 224), l-iskontrin għal trasport tal-bagalji hu msejjaħ ''documento di prova'', u ''documento di legittimazione''. Dippiù, il-biljett falz jista' jipproduċi utili lill-falsarju u ħsara lill-vettur;

3. Il-biljett hu skrittura kummerċjali, għax konness ma' impriża ta' trasport (inċiżi (g) u (i) ta' l-art. 5 tal-Kodiċi Kummerċjali, Kap. 17 Ediz. Riv.);

4. Għall-obbjezzjoni tad-difiża li, meta sar il-Kodiċi Kriminali, ma kienux jeżistu biljetti tax-char-a-bancs, jirrispondi r-Roberti, b'kumment għall-artikolu identiku nru. 291 tal-Kodiċi tad-Due Sicilie, fejn jgħid (Lib. II, Tit. V, Capo II, Sez. II, paġ. 292) dan li ġej: ''D'altronde i progressi che il commercio ha fatto, e che continuerà ancora a fare in grazia della facilità delle communicazioni tra le più lontane nazioni del globo, che si è conseguita per la forza del vapore, ignota per lo innanzi, sono tali che di giorno in giorno sorgono sempre novelle speculazioni, le quali, dando vita a ben complicate operazioni, spingono al bisogno di introdurre mezzi anche novelli, e di direzione ed amministrazione, ai pur nuovi stabilimenti commerciali. Quindi sarebbe assai strano il circoscrivere la protezione della legge a quelle sole carte che han potuto una volta specialmente definirsi tanto per la forma quanto per l'oggetto, nel mentre che tutte le altre, risguardando le stesse operazioni, ne sono ugualmente meritevoli'';

5. Hu ta' min jinnota illi l-istess Roberti isemmi, innota, il-kumpannija ta' ''strada ferrata'' li kienet allura qegħ-

dha tiżviluppa ruħha, u jgħid li "la falsità, ...... nelle carte tutte che si attengono al traffico per quella strada non possono non essere falsità in scritture di commercio";

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi ż-żewġ eċċezzjonijiet tad-difiża, salv li l-Imħallef sedenti għall-ġudizzju plenarju jordna l-korrezzjoni fuq imsemmija, ċjoè s-sostituzzjoni tal-kelma "dokument" bil-kelma "skrittura" fl-ewwel, fit-tieni u t-tielet kap. fil-paragrafu konklużjonali rispettiv;

U b'hekk tirrimetti l-proċess lil din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni**

**tar-Raba' Parti**

**tal-Volum XXXVIII**

---